Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 248 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Anthony Camilleri

Illum 7 ta' Dicembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 228266 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-23:O5hrs, bhala l-persuna li f' ismek ghandek il-licenzja tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Palazzo Villa Rosa', li jinsab gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan

1. Ggestejt attivita kummercjali bil-permess / bla permess, liema attivita qieghda

f' zona urbana u ggenerajt storbju li seta' jinstema' minn barra dan il-post u li seta' jikkawza sikkattura jew disturb lill-girien u dan b' daqq ta' muzika minn

live band jew muzika amplifikata bejn 23:00hrs u 09:00hrs.

2. Ippermettejt jew hallejt li f' dan il-hanut jsir kant jew hsejjes li setghu jdejqu jew b' xi mod iehor jiddisturbaw lill-girien.

3. Haddimt jew ippermettejt li jithaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat iehor simili, jew gieghelt jew ippermettejt li jsiru hsejjes daqshekk qawwa li jdejqu lill-girien li joqghodu f' bini qrib.

4. U aktar talli ippermettejt lil Francis Agius li jaghmilha ta' sostitut tieghek minghajr licenzja tal-Awtorita Kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artiklu 9 tal-Avviz Legali 1 / 2006, l-Artiklu 23 tal-Avviz Legali 92 / 69 u l-Artikolu 41 (2) (a) (b) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u ikkundannatu ghall-piena tal-ammenda fis-somma komplessiva ta' elf euro (€1,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar l-4 ta' Mejju, 2017 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u tiddikkjara l-istess sentenza bhala nulla u bla effett u, f' kaz li ma tilqghax l-ewwel aggravju, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet addebitati u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u / jew tvarja l-istess sentenza f' dik il-parti li tirrigwarda l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-esponent jecepixxi n-nullita tas-sentenza appellata stante li l-Artikolu 9 tal-A.L. 1 / 06 u Artikolu 23 tal-A.L. 92 / 69 m' humiex id-dispozizzjonijiet tal-ligi li johoiqu r-reati li bihom l-esponent kien akkuzat f' dawn l-imputazzjonijiet u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 382 tal-Kap. 9. Certament in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel, it-tieni u r-

raba imputazzjoni ebda wiehed mill-Artikoli citati ma ghandu xi rilevanza ghail-kaz.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata u skoretta tal-ligi bil-konsegwenza li l-esponent instab hati ta' dan ir-reat meta ma kellux jinstab hati.

F' dan il-kuntest l-esponent jirrileva li skont id-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li huwa ghandu licenzja mahruga mhux mill-Malta Tourism Authority izda mit-Trade Licenses Department sabiex jikri l-Villa Rosa ghat-tigijiet u receptions.

B' hekk fl-ewwel lok l-esponent ma ghandu ebda licenzja ta' hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz kif indikat fic-citazzjoni.

Fit-tieni lok l-Artikolu 42 (2) (a) u (b) tal-Kap.9 johloq, bhala s-suggett attiv tal-kontravenzjoni, il-persuna li effettivament ikun qieghed iwettaq l-atti msemmija fl-istess Artikolu. Ir-responsabilita ma testendix ghad-detentur tal-licenzja. Essendo li din hija offiza ta' natura kontravenzjonali wiehed irid jimxi mad-dicitura tal-ligi. Kien f' dan is-sens li huwa argument quddiem l-Ewwel Qorti li r-responsabilita kellha tingarr mill-persuna li kriet il-post u li kellha l-obbligu kuntrattwali impost fuqha li tosserva l-ligijiet vigenti. Din ukoll kienet ir-rilevanza tal-impozizzjoni ta' kundizzjoni li dik il-persuna li tikri l-post trid ukoll tiehu hsieb li jkun hemm il-prezenza tal-Pulizija waqt l-attivita li jkun qed jorganizza. In effetti, dakinhar jirrizulta mill-atti, propju dan kollu — il-kirja, it-tieg, il-kuntratt u l-prezenza tal-Pulizija.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess l-esponent ma setgha qatt jinstab hati tar-raba imputazzjoni.

Illi l-piena hija eccessiva u fuq kollox mhux konformi ma dak li jipprovdu l-Artikoli 319 (1) u 320 tal-Kap. 10 ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Kap.9.

Rat il-verbal tas-seduta tal-05 ta' Ottubru 2017 fejn l-Qorti halliet l-appell ghad-decizjoni fuq l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti fejn jishaq illi l-artikoli tal-ligi iccitati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ma joholqux ir-reat jew reati imputati lill-appellanti. Illi minn ezami tas-sentenza impunjata ghandu johrog illi meta l-Ewwel Qorti giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li tahthom kienet qed issib htija, gew indikati r-regolament 9 ta'l-Avviz Legali 1/2006, ir-regolament 23 ta'l-Avviz Legali 92/69 u l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa l-appellanti jinsab akkuzat illi bhala persuna li iggestixxa attivita kummercjali ippermetta li tindaqq il-muzika amplifikata wara il-hdax ta' fil-ghaxija b'mod li gew iddisturbati l-girien oltre illi ghamilha ta' sostitut meta ma kienx licenzjat biex jaghmel dan mill-Awtorita kompetenti.

Issa ir-regolament 9 ta'l-Avviz Legali 1/2006 jitkellem dwar il-hrug ta' licenzji tal-kummerc u jiddisponi hekk:

*"Meta s-Sezzjoni Licenzi tal-Kummerc ma jkollha ebda oggezzjoni ghall-ghoti tal-licenza kif tkun saret l-applikazzjoni ghaliha dik is-Sezzjoni ghandha tohrog avviz, li ma jkun hemm ebda oggezzjoni ghall-hrug ta' dik il-licenza."*

Ibda biex l-Avviz legali 1 ta'l-2006 gie revokat u dan bid-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 420 tal-2016 kif emendat bl-Avviz Legali 177 tal-2017 u cioe' illum huma inkorporati fil-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 liema regolamenti dahhlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2017, fejn allura r-reat imputat lill-appellanti jaqa' taht ir-regolament 9 tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja.

Illi imbaghad r-regolament 23 ta'l-Avviz Legali 92 tal-1969 huwa inkorporat fil-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09 u allura jaqa' taht il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, regolamenti li jirregolaw il-licenzi, bon ordni u dicenza pubblika ta' hwienet ghall-bejgh ta'l-inbid, birra jew likuri spirituzi fejn ir-regolament 23 jiddisponi hekk:

*"Ebda persuna bil-licenza ma ghandha thalli fl-hanut, la b'inhar u lanqas bil-lejl, kant jew hsejjes li jistghu jdejqu jew b'xi mod iehor jiddisturbaw lill-girien, u hija ghandha tibghat 'l barra mill-hanut lil kull min ikun xurban, jew li bi kliem, b'gesti jew xort'ohra juri li jrid iqajjem storbju."*
Dan ir-reat huwa mahsub fit-tieni akkuza imputata lill-appellanti.

Illi finalment l-ahhar artikolu tal-ligi iccitat fid-decizjoni imputata huwa l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirreferi ghat-tielet imputazzjoni indikata fic-citazzjoni, liema disposizzjoni tal-ligi tipprospetta is-segwenti reat:
*"Ħadd ma jista' -*
*(a) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew*
*(b) f'kull bini ieħor,*
*billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib."*

Illi maghmula din l-esposizzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi iccitati fid-decizjoni impunjata ghandu johrog illi:

1. Ir-regolament 9 tal-Avviz Legali 1 ta'l-2006 gie iccitat erronjament mill-Ewwel Qorti bhala dak l-artikolu tal-ligi li fuqu kienet imsejjsa l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellanti fic-citazzjoni.
2. Illi it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet huma imsejjsa fuq ir-regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09 li fiha hemm inkorporat l-Avviz Legali 92 tal-1969, u l-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk dawn gew iccitati korrettement mill-Ewwel Qorti.
3. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-akkuzi kollha addebitati lill-appellanti, madanakollu ma tindika l-ebda disposizzjoni tal-ligi li fuqu hija imsejjsa l-ahhar akkuza.

Illi allura maghdud dan hemm in-nullita' parzjali tas-sentenza appellata u dan kif jikkontendi l-appellanti. L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddispondi illi, "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**." Issa ghalkemm l-artikoli tal-ligi fir-rigward tat-tieni u it-tielet akkuzi li dwarhom kienet qed tinstab htija gew iccitati korrettement mill-Ewwel Qorti, madanakollu dak li jitkellem dwar l-ewwel imputazzjoni gie iccitat hazin, filwaqt illi ma hemmx indikat l-artikolu tal-ligi li jikkontempla l-ahhar akkuza li dwaru kienet qed tinstab htija ukoll.

Premess dan allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni, bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita l-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"** [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna illi l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu w l-aggravji tal-appellanti jigu ikkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Edwina Grima

Imhallef